# QORTI CIVILI
# PRIM’ AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar il-Ħamis**
**Sitta u għoxrin (26) ta’ Novembru 2020**

**Rikors Numru 1149/19 FDP**

Fl-ismijiet

**Ryan Mercieca (ID 539988M)**

**Vs**

**Rettur tal-Universita’ ta’ Malta**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 4 ta’ Diċembru 2019, li permezz tiegħu r-rikorrent talab s-segwenti:

   1. *Illi l-attur kien applika biex isegwi kors li jwassal għal Dottorat fil-filosofija iżda sabiex jagħmel dan huwa ġie nfurmat permezz ta’ ittra datata l-ewwel (1) ta’ Settembru 2016 li qabel dan huwa ried jirreġistra għal grad ta’ M. Phil (Master in Philospհy) mal-istess fakulta’ bil-possibilita’ li jiġi trasferit għal kors ta’ Ph.D. b’effett mill-ewwel (1) ta’ Ottubru 2016 fuq il-bażi ta “full time” sat-30 ta’ Settembru 2019. (Dok A) It-titolu tad-“dissertation” kellu jkun “Federalism: Islands and Small States in the 21st. Century”; Skond il-linji gwida student tal-Universita’ jista’ jittrasferixxi r-reġistrazzjoni tiegħu bl-istess “research proposal” skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-linji gwida.*

   2. *Illi sussegwentement l-esponenti għamel it-talba tiegħu sabiex ir-reġistrazzjoni tiegħu tiġi trasferita minn waħda ta’ M.Phil għal dik ta’ Ph.D. Din it-talba damet ħames (5) xhur pendenti u sadanittant l-esponenti ma kienx jaf x-ser ikun il-futur tiegħu f’dan ir-rigward b’tali mod li dan id-dewmien kkaġuna wkoll ritad fir-riċerka tiegħu.*

3. *Illi permezz ta' e-mail datata 10 ta' Jannar 2019 l-esponenti kien ġie nfurmat li t-talba tiegħu għat-trasferiment kienet ġiet milqugħa u ġie mitlub jippreżenta tlett (3) kopji "soft bound copies" tat-transfer chapters (sic) u wahda "soft" sabiex jiġi deciz jekk ir-registrazzjoni tiegħu għandhiex tinbidel minn waħda ta' M.Phil għal dik ta' Ph.D, (Dok "B") L-attur segwa dawn l-istruzzjonijiet u fl-14 ta' Jannar is-segretarja tal-fakulta' kellha is-"soft copy" permezz ta' e-mail u xi ġimgħa wara l-esponenti ppreżenta l-"hard copies".*

4. *Illi kważi xahar wara l-attur ġie mitlub mit-tutor tiegħu l-professur Godfrey Baldacchino sabiex l-esponenti "upload your written work onto TURNITIN. You do so via VLE site of UM" flimkien mad-dettalji u s-sit elettroniku ta' kif seta' jagħmel dan. (Dok "C").*

5. *Illi l-attur filwaqt li esprima mal-istess professur il-perplessita' tiegħu peress li sal-lum huwa kien qed jikkorrispondi mas-segretarja tal-fakulta' xorta waħda segwa l-istruzzjonijiet li tah it-Tutur, u tella' fuq is-sit indikat lilu bħala draft form il-materjal rikjest. L-esponenti ġie nfurmat b'dan jumejn biss qabel ma kellu jiltaqa' l-Bord ad hoc. L-esponenti infatti hekk għamel u wara li rriżulta li kien hemm ammont qawwi ta' "plagiarism" informa lill-istess tutur li mhuwiex kuntent bix-xogħol tiegħu stess u li allura dak ix-xogħol ma kellux jiġi kkunsidrat.*

6. *Illi effetivament l-esponenti qatt ma għamel sottomissjoni formali tax-xogħol tiegħu fuq it-TURNITIN għaliex dan il-programm jagħti żewġ opzjonijiet ta' sottomissjoni u ċioe' dik bħala "draft form" u dik bħala "final submission". L-esponenti poġġa fuq it-TURNITIN biss il verżjoni "draft" u esprima mat-tutor tiegħu l-fatt li ma kienx kuntent bir-riżultat. Huwa qatt ma ngħata l-possibilta' bħal kull student ieħor li bejn l-abbozz u l-verzjoni finali jirranġa l-materjali li kellu jissottometti u dana propju minħabba l-għaġġla u l-urġenza li biha ġie rinfaċċjat. Għalkemm l-esponenti staqsa lit-tutur tiegħu jekk ix-xogħol sottomess kienx "fine for the meeting" jew jekk kellux jirrevedih dan tal-aħħar baqa' għaddej mingħajr ma nforma lill-esponenti u njora r-riservi li kien esprima l-esponenti.*

7. *Illi permezz ta' ittra datata 12 ta' April 2019 ffirmata mis-segretarja tal-"University Assessment Disciplinary Board" l-esponenti ġie nfurmat illi f'laqgħa tal-istess Board tal- 5 ta' April 2019 ġie li huwa kkommetta ksur tal-University Assessment Regulation, 2009 "by plagiarizing extensively the two chapters submitted for evaluation for transfer from M.Phil to Ph.D degree". (Dok D). Bħala riżultat ta' hekk l-istess Board iddeċieda li l-esponenti jiġi "severely riprimanded" u li in vista tal-gravita' tal-offiża l-esponenti jiġi mkeċċi mill-Universita' a tenur tal-paragrafu 44 (3) (h) (i) tal-istess University Assessment Regulations, 2009. Barra minn dan l-esponenti ġie wkoll avżat li din id-deċiżjoni kienet sejra tiġi rikordata fil-'file' tiegħu.*

8. *Illi l-attur ħass ruħu aggravat minn dina d-deċiżjoni u a tenur tal-paragrafu 48 tal-istess regolamenti intavola appell minn din id-deċiżjoni quddiem il-"University Assessment Appellate Board". Wara udjenza li kellu quddiem l-*

*istess "Appellate Board" permezz ta' ittra datata 18 ta' Ġunju 2019, l-esponenti ġie nfurmat li "the proceedings of the UADB were at all times according to the regulations. The UADB acted correctly within its powers and did not act in excess of its powers" u l-istess Appellate Board għadda biex ikkonferma id-deċiżjoni tal-University Assessment Disciplinary Board fuq imsemmija. (Dok"E").*

9. *Illi l-esponenti jħoss li sew id-deċiżjoni tal-"University Assessment Disciplinary Board" kif ukoll dik tal-"University Assessment Appellate Board" huma llegali u mhumiex skond il-liġi għaliex fihom infushom jikkostitwixxu abbuż jew żvijament ta' poter, huma ultra vires, jikkostitwixxu traviżament ta' dak li fil fatt ġara, huma msejjsa fuq konsiderazzjonijiet estranei u fi kwalunkwe każ mhux skond il-liġi. Barra minn dan iż-żewġ Bordijiet naqqsu milli josservaw l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettiq ta'dak li huma kienu mitluba jwettqu skond il-liġi jew fid-deliberazzjoni ta' qabel ma għamlu dak it-twettieq jew ħadu deċiżjoni.*

10. *Illi l-esponenti jaf bil-fatti hawn fuq imsemmija u elenkati hu personalment, di xjenzja propjra u in prima persona.*

*Jgħidu għalhekk l-istess konvenuti m'għandhiex dina l-Qorti;*

1. *Tiddikjara li d-deċiżjoni tal-University Assessment Disciplinary Board tat-12 ta' April 2019 kif ikkonfermata bid-deċiżjoni tal University Assessment Appellate Board tat-18 ta' Ġunju 2019 hija illegali għaliex mhumiex skond il-liġi, għaliex fihom infushom jikkostitwixxu abbuż jew żvijament ta' poter, huma ultra vires, jikkostitwixxu traviżament ta' dak li fil fatt ġara, huma msejjsa fuq konsiderazzjonijiet estranei li qatt ma kellhom jittieħdu in konsiderazzjoni, u fi kwalunkwe każ mhux skond il-liġi, kif ukoll li l-istess Bordijiet naqqsu milli josservaw l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġijiet, proċedurali mandatorji fit-twettiq ta' dak li huma kienu mitluba jwettqu skond il-liġi jew fid-deliberazzjoni ta' qabel ma għamlu dak it-twettieq jew ħadu deċiżjoni.*

2. *Tiddikjara li d-deċiżjoni tal-University Assessment Disciplinary Board tat-12 ta' April 2019 kif ikkonfermata bid-deċiżjoni tal-University Assessment Appellate Board tat-18 ta' Ġunju 2019 hija illegali għaliex hija wkoll irraġonevoli u fi kwalunkwe każ mhjiex proporzjonata.*

3. *Konsegwentement tannulla ż-żewġ deċiżjonijiet fuq imsemmija u tordna lill-konvenut jerġa' jirreintegra lill-attur fl-istat li kien qabel ma ttieħdu dawk id-deċiżjonijiet bħala student tal-fakulta' tal-Arti fid-Dipartiment tal-International relations tal-Universita' ta' Malta, inkluż il-possibilta' li jiġi inizjat mill-ġdid il-proċess u l-esponenti jingħata l-possibilita' li jossottometti mill-ġdid ix-xogħol tiegħu.*

2. Rat illi fis-7 ta’ Jannar 2020, l-intimat ippreżenta r-risposta tiegħu fejn qajjem is-segwenti difiżi:

   1. *Preliminaijament, ir-rikors ġuramentat huwa null u bla effett, ai finijiet kollha tal-Liġi u ai termini tal-Artikoli 789(l)(c) u 789(l)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, stante illi ma jissussisti l-ebda interess ġuridiku tar-rikorrent kontra l-esponenti personalment u f’ismu propju, u dan peress illi qatt ma kien hemm l-ebda rabta kuntrattwali bejn Ryan Mercieca u Alfred J. Vella. Inoltre, id-deċiżjonijiet impunjati ma ttieħdux mir-Rettur. Konsegwentement ir-raġuni tat-talba rikjesta, ad validitatem, mill-Artikolu 156(l)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta hija għal kollox monka. Semmai, Ryan Mercieca kien student tal-Universita ta’ Malta li hija, kif jistipola espressament l-Artikolu 72A tal-Kapitolu 327 tal-Liġijiet ta’ Malta: ‘korp magħqud li jkollha personality ġuridika u distinta u li tkun tista’, bla ħsara għad-dispozizzjonijiet ta’ dan l-Att, tagħmel kuntratti, tikseb, iżżomm u tiddisponi minn kull xorta ta’ proprjeta’ għall-finijiet tal-funzjonijiet tagħha, jew li tħarrek jew li tiġi mħarrka, u li tagħmel dawk l-affarijiet u dawk l-operazzjonijiet kollha li huma inċidentali jew li jwasslu għall-eżerċizzju jew it-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att’;*

   2. *Preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikors ġuramentat huwa null u bla effett, ai finijiet kollha tal-Liġi u termini tal-Artikoli 789(l)(c) u 789(l)(d) tal- Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, stante illi t-talbiet tar-rikorrenti ma jikkorrispondux ma ebda dispozizzjoni legali, tant illi ma hemm l-ebda referenza għal kwalsiasi dispozizzjoni legali fir-rikors ġuramentat. F’każ illi din l-Onorabbli Qorti ma tilqax tali eċċezzjoni, l-esponenti jirriżerva d-dritt sabiex jiġi nnotifikat mill-ġdid b’rikors ġuramentat imfassal fuq premessi illi jagħmlu referenza espliċita għad-dispozizzjoni/dispozizzjonijiet allegatament ivvjolat/i mill-esponent, u dan sabiex jiġu kkawtelati d-drittijiet fundamentali tal-esponenti, senjatament id-dritt għal smigħ xieraq, inkluż id-dritt sabiex l-intimat jipprepara difiża;*

   3. *Preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikors ġuramentat huwa null u bla effett, ai finijiet kollha tal-Liġi u ai termini tal-Artikoli 156(4) tal-Kapitolu 12 tal- Liġijiet ta’ Malta, stante illi ma jipprovdix mad-dikjarazzjoni l-ismijiet tax-xhieda li jkun bi ħsiebu jġib, filwaqt li jiddikjara dwar kull wieħed minnhom x’fatti u xi prova bi ħsiebu jagħmel bix-xhieda tagħhom’. Kuntrarjament ir-rikorrent bi ħsiebu jipproduċi 'il-professuri kollha tal-universoitas [sic] konvenuta’ u kif ukoll “il-haddieam [sic] kollha tal-istess fakulta’ kumuluttivament ammontanti għal ċirka elf (1,000) xhud;*

4. *Preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti, f’ismu proprju, ma huwiex il-leġittimu kontradittur, u dan peress illi qatt ma kien hemm l-ebda rabta kuntrattwali bejn Ryan Mercieca u Alfred J. Vella. Ergo, Alfred J. Vella għandu jiġi, minnufih, illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Semmai, Ryan Mercieca kien student tal-Universita’ ta’ Malta li hija, kif jistipola espressament l-Artikolu 72A tal-Kapitolu 327 tal-Liġijiet ta’ Malta:*

    *“korp magħqud li jkollha personality ġuridika u distinta u li tkun tista’, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta’ dan l-Att, tagħmel kuntratti, tikseb, iżżomm u tiddisponi minn kull xorta ta’ proprjeta’ għall-finijiet tal-funzjonijiet tagħha, jew li tħarrek jew li tiġi mħarrka, u li tagħmel dawk l-affarijiet u dawk l-operazzjonijiet kollha li huma inċidentali jew li jwasslu għall-eżerċizzju jew it-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att’;*

5. *Mingħajr preġudizzju għas-suesposti, u fil-mertu, ir-rikorrenti, ex admissis, irrenda ruħu ħati ta’ plaġju kif jirriżulta (fi kwalsiasi każ) ampjament mid-dokumenti annessi u kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża. Dawn id-dokumenti jinkludu it-turnitin report, hawn anness u immarkata bħala Dokument <u>AJV 1</u> u r-rapport tal-eżaminaturi, hawn anness u immarkat bħala <u>AJV 2</u>. Inoltre, il-plaġju kommess ġie wkoll ikkostatat minn uffiċjali tal-Universita’ ta’ Malta permezz tad-deċiżjoni tat-12 t’April 2019 tal-University Assessment Disciplinary Board. Din id-deċiżjoni ġiet ikkonfermata in toto kif ukoll fl-appell (permezz tad-deċiżjoni tal-University Assessment Appellate Board tat-18 ta’ Ġunju 2019). Inoltre Charles Caruana Carabez, il-Kummissarju għall-Edukazzjoni fl-Uffiċċju tal-Ombudsman fit-8 ta’ Novembru 2019, investiga l-istess ilmenti illi qegħdin jinġiebu quddiem din l-Onorabbli Qorti. Il-Kummissarju għall-Edukazzjoni fl-Uffiċċju tal-Ombudsman korrettement u inekwivokabilment iddeċieda, illi:*

    *“The Commissioner, having carefully considered the submissions of both the complainant and of the University of Malta, cannot find fault with the position officially expressed by the University, nor does he observe any breaches on its part.”*

    *F’dan il-kuntest, l-esponent qiegħed jannetti u jimmarka id-deċiżjoni tal-Kummissarju għall-Edukazzjoni bħala <u>Dokument AJV 3</u>. Ir-rikorrent naqas milli jippremetti dwar tali proċeduri, b’mod konvenjenti u żleali għall-aħħar.*

    *Il-plaġju, lampanti u palesi, mhux biss jikser diversi regoli statutorji tal-Universita’ ta’ Malta iżda jikkostitwixxi rejat punibbli bi priġunerija mill-Artikolu 298B tal-Kodiċi Kriminali konsistenti fi ksur tad-drittijiet tal-awtur.*

*Il-plaġju huwa att ta' ċertu gravit'a tant illi huwa meqjus tali illi jimmerita l-espulsjoni tal-istudent, kif jirriżulta mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati bħala Dokumenti AJV 4 u AJV 5 tal-Universitajiet ta' Bristol u Bath rispettivament;*

6. *Mingħajr preġudizzju għas-sueccepit, u fil-mertu wkoll, ir-rikorrenti approva u qabel mal-proċeduri adoperati kif ukoll mhux talli kellu kull opportunita' seduta stante u viva voce, jirribatti l-allegazzjonijiet fil-konfront tiegħu, iżda talli saħansitra irrikuża membru tal-University Assessment Disciplinary Board. Altru milli ġew ivvjolati r-regoli ta' ġustizzja naturali. Inoltre, peress illi, in limine litis, ir-rikorrenti ma oġġezzjonax għal kwalsiasi deċiżjoni proċedurali, ma jistax issa jilmenta dwar il-proċedura adoperata stante illi electa una via non datur recur sits ad alteram;*

7. *Mingħajr preġudizzju għas-sueccepit, u fil-mertu ukoll, ir-rikorrent qed jagħmel allegazzjonijiet infondati fil-fatt u fid-dritt rigwardanti l -modus operandi adoperat fil-kuntest tar-rikjesta tiegħu sabiex ir-reġistrazzjoni tiegħu tiġi trasferita minn waħda ta' M.Phil għal waħda ta' Ph.D. Dan għaliex, kuntrarjament għal dak premess mir-rikorrent, kwalsiasi azzjoni u/jew ommissjoni, inkluż l-allegat dewmien ta' ħames (5) xhur, dato ma non concesso illi tali dewmien issussista, ma seta' qatt ikollu influwenza materjali fuq il-kontenut tar-riċerka tar-rikorrenti u/jew il-kwalita' tar-riċerka tiegħu, u/jew fuq il-kontinwazzjoni tar-riċerka tiegħu. Inoltre, ir-rikorrenti deliberatament jonqos milli jippremetti dwar fatti rilevanti, inkluż provi dokumentarji, illi ser jiġu prodotti fil-mori tal- kawża;*

8. *Salv risposta/i ulterjuri permessi mill-Liġi.*

*Għaldaqstant, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti*

3. Rat illi fis-6 ta' Frar 2020, il-partijiet qablu illi jiġu deċiżi l-ewwel erbgħa eċċezzjonijiet imressqa mill-intimat.

4. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-abbli difensur ta' l-intimat ippreżentati fil-5 ta' Ġunju 2020.

5. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-abbli difensur tar-rikorrent ippreżentati fit-30 ta' Ġunju 2020.

6. Rat illi fit-8 ta' Lulju 2020, il-kawża ġiet differita għal deċiżjoni dwar l-ewwel erbgħa eċċezzjonijet intimati.

**Ikkunsidrat**

7. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrent kien student qed isegwi kors li jwassal għal Dottorat fil-filosofija iżda, wara deċiżjoni tal-University Assessment Disciplinary Board, ġie deċiż illi t-teżi minnu sottomessa kienet afflitta minn "*plagiarizing extensively*", u għalhekk ġie imkeċċi mill-Universita'.

8. Jirriżulta illi, permezz tal-proċeduri odjerni, huwa qiegħed jitlob lill-Qorti tiddikjara li d-deċiżjoni tal-University Assessment Disciplinary Board mogħtija fit-12 ta' April 2019, kif ikkonfermata bid-deċiżjoni tal-University Assessment Appellate Board mogħtija fit-18 ta' Ġunju 2019 kellhom jiġu annullati.

9. Jirriżulta illi l-intimat, fid-difiża tiegħu, qajjem erbgħa eċċezzjonijet preliminari, li l-partijiet qablu li kellhom jiġu trattati u deċiżi qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tikkunsidra l-fatti tal-każ.

10. Jirriżulta illi l-eċċezzjonijet preliminari kienu prinċipalment is-segwenti:

    a. Nullita' tal-proċeduri odjerni a tenur tal-Artikolu 789 (1) (c) u (d) stante illi ma hemm ebda interess ġuridiku bejn ir-rikorrenti u Alfred J Vella personalment u d-deċiżjoni ma ttieħdetx mir-Rettur iżda lill-Universita' ta' Malta, illi hija personalita ġuridika distinta.

    b. Nullita' tal-proċeduri a tenur tal-Artikolu 789 (1) (c) u (d) peress illi ma hemm ebda referenza għal kwalsiasi disposizzjoni legali fir-rikors ġuramentat.

    c. Nullita' tal-proċeduri a tenur tal-Artikolu 156 (4) tal-Kap 12 ghax l-lista tax-xhieda hija waħda ġenerika.

    d. Li l-intimat mhuwiex il-leġittimu kontradittur u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju stante li r-rikorrenti kien student tal-Universita' illi hija personalita' ġuridika u distinta.

11. Dwar dawna l-eċċezzjonijiet, il-Qorti tqis illi huwa opportun illi l-ewwel tgħaddi biex tikkunsidra r-raba' eċċezzjoni ta' l-intimat, ossija illi ma huwiex il-leġittimu kontradittur, peress illi tali eċċezzjoni, minn natura tagħha, hija waħda li ma tistax tiġi rimedjata f'każ illi tintlaqa'.

12. Il-Qorti tosserva ukoll illi r-raba' eċċezzjoni, kif del resto hija wkoll l-ewwel eċċezzjoni, hija bbażata fuq l-argument illi r-rikorrent huwa student tal-Universita' ta' Malta, liema Universita', a tenur tal-Artikolu 72A tal-Kap 327, hija korp b'personalita' ġuridika distinta li, fost affarjiet oħra, tista' tħarrek jew tiġi mħarrka.

13. L-intimat jikkontendi illi, ladarba r-rikorrenti kien student tal-Universita', huwa kellu jħarrek lill-Universita' nnifisha u mhux lir-Rettur tal-Universita', illi miegħu ma kellu ebda relazzjoni ġuridika.

14. Ir-rikorrent, da' parte tieghu, jagħmel referenza għas-subartikolu 11 tal-Artikolu 74 tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap 327) li jistipula li ġej:

*Ir-Rettur ikun responsabbli għall-tmexxija ta' kuljum tal-Università, ikun il-president ex officio tas-Senat u tal-Bordijiet tal-Fakultajiet, u r-rappreżentanza legali tal-Università tkun vestita fih*

15. Il-Qorti tosserva wkoll illi l-Artikolu 72A ta' l-istess Kap 327 jipprovdi dan li ġej:

    *L-Università hija korp magħqud li jkollha personalità ġuridika u distinta u li tkun tista', bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, tagħmel kuntratti, tikseb, iżżomm u tiddisponi minn kull xorta ta' proprjetà għall-finijiet tal-funzjonijiet tagħha, jew li tħarrek jew li tiġi mħarrka, u li tagħmel dawk l-affarijiet u dawk l-operazzjonijiet kollha li huma inċidentali jew li jwasslu għall-eżerċizzju jew it-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att.*

16. Il-Qorti tosserva ukoll illi, għalkemm huwa minnu illi l-Artikolu 74 (11) tal-Kap 327 jipprovdi illi r-Rettur tal-Universita' huwa ir-rappresentant legali tal-Universita' ta' Malta, dana ma jfissirx illi azzjonijiet intiżi kontra l-entita' tal-Universita' ta' Malta għandhom jiġi indirizzati u meħdua kontra r-Rettur tal-Universita'.

17. Il-Qorti tosserva illi l-Universita' ta' Malta hija entita' legali u ġuridika separata illi tista' tħarrek u tiġi mħarrka, li jfisser illi azzjoni fil-konfront tagħha għandu jsir direttament kontra tagħha u mhux kontra persuni illi jirrappreżentawha.

18. Jirriżulta illi ma hemm ebda kontestazzjoni dwar il-fatt illi r-rikorrent kien student tal-Universita' ta' Malta, u mhux tar-Rettur tal-Universita' ta' Malta, u għalhekk l-intimat, kif imħarrek, ossija bħala Rettur tal-Universita' ta' Malta, ma għandu ebda relazzjoni ġuridika mar-rikorrent, fil-kapaċita' tiegħu ta' student tal-Universita' ta' Malta.

19. Huwa ċar illi l-azzjoni odjerna bbażata fuq l-ilment tar-rikorrent għad-deċiżjoni illi huwa tkeċċa mill-Universita' u ġie dikjarat illi kien ħati ta' '*plagiarizing*', kellha titmexxa kontra l-Universita' ta' Malta, bħala l-entita' illi magħha r-rikorrent kien reġistrat bħala student, u ma kellhiex titmexxa fil-konfront tar-Rettur, illi huwa l-persuna responsabbli għat-tmexxija ta' kuljum tal-Universita'.

20. Għalhekk, il-Qorti tqis illi għandha tilqa' r-raba' eċċezzjoni ta' l-intimat u, filwaqt illi tiddikjarah li ma huwiex il-leġittimu kontradittur, tillberah mill-osservanza tal-ġudizzju.

21. Tenut kont ta' dina d-deċiżjoni, l-Qorti tqis illi ma għandhiex għalfejn tinoltra ruħha ulterjorment fl-eċċezzjonijet preliminari l-oħra ppreżentati mill-intimat.

22. Il-Qorti tosserva wkoll illi, la darba r-rikorrent nieda l-proċeduri odjerni unikament fil-konfront tar-Rettur tal-Universita' ta' Malta, u in vista tal-fatt illi bid-deċiżjoni tagħha, r-Rettur tal-Universita' ta' Malta qiegħed jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju, fl-assenza ta' kwalsiasi parti oħra li kontra tagħha l-azzjoni w ilment tar-rikorrent qed tiġi indirizzata, il-Qorti ma għandha ebda triq oħra għajr illi tgħaddi biex tiċħad it-talbiet kollha kif mitluba.

## Konklużjoni

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti ippreżentati,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet,

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi;

**Tilqa'** r-raba' eċċezzjoni ta' l-intimat u tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju, u għalhekk;

**Tiċħad** it-talba attriċi kif dedotta.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu a kariku tar-rikorrent.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**